Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Lulju 2021
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0100(COD)**

**10210/1/21**
**REV 1**

**CODEC 974**
**ECOFIN 650**
**CLIMA 162**
**FIN 528**
**ENV 461**
**ENER 301**
**COMPET 512**
**CADREFIN 347**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku skont il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-28 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikoli 175 (3) u 322(1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Settembru 2020[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

4. Il-Qorti tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha fl-24 ta' Settembru 2020[3].

[1] 8412/20 + ADD 1-2
[2] ĠU C 429, 11.12.2020, p. 240–244
[3] ĠU C 373, 4.11.2020, p. 1–5

5. Fl-24 ta' Ġunju 2021, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

6. Id-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni għall-minuti tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub:

- jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 33/21, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;

- jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni konġunta, imsemmija fil-paragrafu 6 ta' din in-nota, tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[4] 10062/21